MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2009

Appell Civili Numru. 372/2009/1

Fl-Atti tal-Mandat *in procinctu*
nru. 284/2009 fl-ismijiet:

**John Patrick Hayman u Mary Carmen mizzewgin Hayman, Christopher Hayman u Raymond Pickard f'ismu proprju u bhala legittimu rappresentant ta' bintu minuri Elaine**

**v.**

**Edmond Espedito Mugliett u martu Maria Teresa ghal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti:**

**1.** Din hija sentenza wara zewg rikorsi ta' appell, it-tnejn bazikament identici, prezentati fl-14 ta' Mejju 2009 (372/09 – l-appell ta' Edmond Espedito Mugliett) u fid-19 ta' Mejju 2009 (379/09 – l-appell ta' Maria Theresa sive Marthes Mugliett). Il-fatti li taw lok ghal dana l-appell[1], li qed jigi propost taht dak li jipprovdi l-Artikolu 281(4) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, huma s-segwenti. B'sentenza moghtija minn din il-Qorti fis-27 ta' Gunju 2008 fil-kawza fl-ismijiet premessi giet konfermata *in toto* sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-istess ismijiet moghtija fit-2 ta' Gunju 2006 (Citaz 1059/03 GCD). Permezz ta' din is-sentenza, li allura issa kienet ghaddiet in gudikat, il-konvenut gie ordnat irodd is-somma ta' Lm40,500, flimkien ma' l-imghax kif hemm indikat f'dik is-sentenza, liema somma kellha terga' titqieghed minnufih fil-kont bin-numru 115-0858402-0 mal-Bank of Valletta p.l.c. jew, jekk dak il-kont inghalaq, f'kont iehor f'isem il-konvenut u l-atturi bhala l-werrieta tan-Nutar John Patrick Hayman, b'dan li l-flus ma kellhomx jingibdu mill-kont fejn jitqieghdu jekk mhux bil-kunsens tal-partijiet jew b'ordni tal-Qorti. B'rikors prezentat fit-13 ta' Ottubru 2008 quddiem din il-Qorti (cioe` l-Qorti ta' l-Appell), l-atturi talbu li, peress li l-konvenuti kienu ghadhom ma ottemperawx ruhhom mas-sentenza, jittiehdu proceduri ghal disprezz fil-konfront ta' l-istess konvenuti. B'digriet kamerali moghti minn din il-Qorti fit-3 ta' April 2009 – id-dewmien kien dovut ghall-fatt li l-kontroparti, cioe` l-konvenuti Mugliett, kellhom jigu notifikati bir-rikors permezz tal-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni – din il-Qorti, wara li rrespingiet it-talba ghar-rikuza tal-membri komponenti l-istess Qorti peress li hawn si trattava tal-ezekuzzjoni ta' sentenza li kienet ghaddiet in gudikat, laqghet it-talba tal-atturi rikorrenti u ordnat lir-Registratur, Qrati u Tribunali Civili, sabiex jipprocedi kif mitlub, cioe` li jinizja l-proceduri ghal disprezz.

[1] Il-Qorti ser tibqa' tuza s-singular stante li, kif inghad, l-appelli huma essenzjalment identici u l-meritu huwa wkoll wiehed.

**2.** Intant, pero`, fis-16 ta' Frar 2009 l-istess atturi pprezentaw fil-Prim Awla tal-Qorti Civili rikors ghall-hrug ta' Mandat *in Procinctu* skond dak li jipprovdi l-Artikolu 388E tal-Kap. 12 li nel frattemp kien gie fis-sehh. Fir-rikors taghhom tal-imsemmija data l-atturi rikorrenti fissru li l-konvenuti kienu ghadhom ma ottemperawx ruhhom mas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, u ghalhekk talbu li dik il-Qorti "…joghgobha tohrog dawk l-ordnijiet lir-Registratur li hija tqis neccessarji sabiex jigu ezegwiti l-ordnijiet li kien hemm fis-sentenza" u dan fit-termini tal-precitat Artikolu 388E. Permezz ta' nota pprezentata fit-23 ta' Frar 2009 (in segwitu ghal digriet preliminari moghti mill-Prim Awla fl-istess gurnata, cioe` 16 ta' Frar 2009) l-atturi rikorrenti spjegaw li dak li huma kienu qed jitolbu kien li tinbiegh proprjeta` appartenenti lill-konvenut intimat Edmond Espedito Mugliett (The Rose Cottage, Karm Galea Street, B'Kara) u li parti mir-rikavat mill-bejgh – cioe` Lm40,500 – tigi depositata kif kien gie ordnat bis-sentenza tat-2 ta' Gunju 2006 (u li ghaddiet in gudikat in forza tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell). Huma talbu wkoll li dik il-Qorti tinibixxi b'effett immedjat lill-intimati milli jitrasferixxu a favur terzi bi kwalunkwe titolu l-imsemmi fond jew li jaggravawh b'xi piz, u li tali ordni jigi notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u lir-Registratur ta' l-Artijiet u jigi debitament registrat u/jew insinwat. Fl-ahhar nett huma fissru, dejjem fl-istess nota tat-23 ta' Frar 2009, li dan il-mandat – *in procinctu* – kien l-uniku wiehed disponibbli ghalihom sabiex tigi ezegwita s-sentenza peress li l-mandat *in factum* kien wiehed li kellu jintuza *as a last resort*, filwaqt li mandati ohra ma kienux applikabbli peress li huma, bis-sentenza li kienu qed jitolbu l-ezekuzzjoni taghha, ma kienux gew kanonizzati kredituri, ghax min kien it-titolari tal-flus kellu jigi stabbilit f'gudizzju separat. Ir-rikorrenti komplew hekk: *"Fil-fatt l-intimati kienu ben konxji ta' dan u proprju ma resqux ghar-rifuzjoni tas-somma, izda hallsu biss l-ispejjez u d-drittijiet tal-kawza, billi kienu jafu li r-rikorrenti ma kellhomx rimedju disponibbli sabiex jenforzaw is-sentenza. Illi din id-diffikulta` issa giet sorvolata bl-introduzzjoni tal-mandat in procinctu li kien introdott precizament ghal kazijiet bhal dak odjern."*

**3.** Permezz ta' rikors iehor prezentat, dejjem fil-Prim Awla u fl-Atti tal-Mandat in Procinctu 284/09, fis-27 ta' Frar 2009, l-atturi talbu li l-konjugi Mugliett jigu inibiti milli jitrasferixxu jew jaggravaw il-fond imsemmi u talbu wkoll in-notifiki hawn aktar 'il fuq indikati (cioe` lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u lill-Kummissarju ta' l-Artijiet). B'digriet moghti fit-3 ta' Marzu 2009 il-Prim Awla laqghet provvizorjament it-talba ghall-inibizzjoni u ordnat li jsiru n-notifiki mehtiega kemm tar-rikors tas-16 ta' Frar 2009, tan-nota tat-23 ta' Frar 2009[2], kif ukoll tar-rikors tas-27 ta' Frar 2009.

**4.** Edmond Espedito Mugliett wiegeb ghaz-zewg rikorsi – tas-16 u tas-27 ta' Frar 2009 – b'risposta prezentata fil-11 ta' Marzu 2009. Huwa qal li t-talba tal-atturi rikorrenti ghall-hrug ta' mandat *in procinctu* kienet irrita u nulla. Huwa fisser kif kien ghad hemm pendenti l-proceduri ghal disprezz u li ghalhekk l-atturi rikorrenti ma kienux ezawrew il-mezzi kollha ta' ezekuzzjoni tas-sentenza disponibbli ghalihom. Tenna li r-rikorrenti ma kienux kredituri tieghu izda l-uniku kreditur fis-somma ta' Lm40,500 kien, se mai, il-Bank of Valletta. Jghid li l-atturi rikorrenti kellhom, se mai, jipprocedu ghall-bejgh bis-subbasta tal-proprjeta` tieghu u ta' martu bil-mod gja` stabbilit fil-Kap. 12 u mhux skond l-Artikolu 388E. Skond l-istess Edmond Espedito Mugliett in-"novita`" ma kienitx fil-mandat li qed jigi invokat izda fil-fatt li s-sentenza kienet *per se* wahda inezegwibbli ghax l-atturi naqsu li jaghmlu talba ghall-kanonizzazzjoni ta' xi kreditu. Jobjetta l-istess Mugliett li l-mandat *in procinctu* huwa "supplementarju" ghall-mandati l-ohra kollha, inkluz ghalhekk ghall-mandat *in factum*. Fl-ahharnett – il-paragrafu 7 tar-risposta tieghu – il-konvenut intimat Edmond Espedito Mugliett jghid li bla pregudizzju ghall-argumenti kollha minnu mressqa, is-sentenza li l-esekuzzjoni taghha qed tintalab tivvjola diversi drittijiet fondamentali tieghu, fosthom dawk sanciti bl-Artikoli 39(2) u 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, u li ghalhekk it-talba ghall-hrug tal-

---

[2] Fil-fatt il-Prim Awla kienet diga`, permezz ta' digriet tal-24 ta' Frar 2009, ordnat in-notifika tan-nota tat-23 ta' Frar 2009 lill-kontroparti.

mandat *in procinctu* kienet "estensjoni tal-lezjoni tad-drittijiet fondamentali" tieghu. Ghalhekk huwa talab li t-talba ghall-hrug tal-imsemmi mandat tigi michuda.

**5.** L-atturi wiegbu ghal din ir-risposta b'nota responsiva in data 16 ta' Marzu 2009.

**6.** Il-Prim Awla tal-Qorti Civili, b'digriet moghti fit-3 ta' April 2009[3] laqghet it-talba tal-atturi rikorrenti u ordnat il-bejgh in subbasta tal-fond "The Rose Cottage", Karm Galea Street, B'Kara biex l-ewwel Lm40,500 mir-rikavat jigi depozitat kif originarjament ordnat bis-sentenza tat-2 ta' Gunju 2006 – konfermata, kif inghad, b'sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Gunju 2008 – u li l-bqija tas-somma mir-rikavat tal-bejgh tigi moghtija lill-intimat; inoltre dik il-Qorti pprojbiet lill-intimat "milli jbiegh jew jitrasferixxi taht kwalunkwe titolu l-istess immobbli lil terzi jew jaggrava l-istess bi kwalunkwe piz", u ordnat in-notifiki lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, lill-Kummissarju tal-Artijiet u lir-Registratur tal-Qorti.

**7.** Permezz ta' zewg rikorsi presentati fil-Prim Awla tal-Qorti Civili ghall-finijiet ta' l-Artikolu 281(1) tal-Kap. 12, il-konjugi Mugliett talbu r-revoka tad-digriet tat-3 ta' April 2009. L-ewwel ma gie ppresentat kien dak ta' Edmond Espedito Mugliett fl-14 ta' April 2009. Huwa jghid illi l-Artikolu 388E "mhux intiz illi tirrendi debitur 'di fare' f'debitur 'di pagare'", u li "is-sentenza in esekuzzjoni ma tistax tinbidel f'sentenza differenti". Galadarba b'xelta taghhom ta' kif jimpustaw il-kawza l-atturi ghazlu li ma jitolbux li jigu kanonizzati kredituri, huma ma setghux issa jikkonfiskaw il-proprjeta` tieghu u jisfurzawh ibiegh. Jikkontendi illi bl-Artikolu 388E "mhux mahsub illi jinghata lill-qrati il-poteri arbitri (*sic!*) illi jezegwixxu sentenzi billi jordnaw il-bejgh gudizzjarju tal-proprjeta` <u>in sostituzzjoni</u> tal-mandati l-ohra tradizzjonali". Skond l-imsemmi rikorrent il-mandat *in procinctu* huwa intiz biex il Qorti, permezz tal-ufficjali taghha "tezegwixxi hija stess ordni tas-sentenza", u "ma jistax jintuza sabiex tinhareg ordni

---

[3] Din il-Qorti taqbel ma' l-appellanti odjerni li d-data indikata tat-3 ta' <u>Marzu</u> 2009 hija zbaljata, u trid tkun 3 ta' <u>April</u>, stante li fid-digriet tissemma' espressament ir-risposta tal-11 ta' Marzu 2009.

kontra l-konvenut illi jippresta oggetti fungibbli jew 'in specie'...". Fis-16 ta' April 2009 Maria Teresa sive Marthes Mugliett ippresentat rikors, dejjem fil-Prim Awla, ukoll ghar-revoka tal-mandat *in procinctu* ossia ghar-revoka tad-digriet tat-3 ta' April 2009. Hija, bhal zewgha, issostni li galadarba s-sentenza pproduciet rizultat li huwa fih innifsu inezegwibbli, ma kienx hemm lok ghall-mandat in kwistjoni. Bhal zewgha wkoll ittenni li l-Artikolu 388E mhux intiz biex jittrasforma debitur "di fare" f'debitur "di pagare", aktar u aktar meta ghad irid jigi diskuss il-proprjeta` tal-flus in kwistjoni. Finalment tilmenta li d-dar li l-bejgh taghha gie ordnat hija d-dar matrimonjali fejn hija tghix flimkien mat-tlett uliedha li wahda minnhom ghandha bzonnijiet specjali, b'mod li, jekk il-mandat ma jigix revokat, hija ser issofri pregudizzju irrimedjabbli "u dan meta l-atturi Hayman ghadhom bl-ebda mod ma gew kanonizzati kredituri jew dikjarati li ghandhom xi sehem mill-flus [in kwistjoni]".

**8.** Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn dawn iz-zewg rikorsi b'zewg provvedimenti moghtija fil-Qorti bil-miftuh fl-14 ta' Mejju 2009. Dik il-Qorti "astjeniet" milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghar-revoka migjuba minn kull wiehed mir-rikorrenti fir-rikors tieghu, bl-ispejjez ghall-istess rikorrenti, u dan ghar-ragunijiet li ser jigu hawn riprodotti[4]:

**"Skond Art.281(1) tal-Kap.12, "*persuna kontra min jinhareg att ezekuttiv* (fil-kaz odjern l-intimat Edmond Espedito Mugliett) *jew xi persuna ohra interessata tista' taghmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq taghmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil <u>dik il-Qorti li tkun harget dak l-att</u> fejn titlob li l-att ezekuttiv jithassar sew ghal kollox jew f'parti minnu biss ghal raguni valida skond il-ligi*." (sottolinear ta' din il-Qorti)**

**"Fir-rikors tieghu, l-intimat talab ir-revoka tal-mandat *in procinctu* fl-intier tieghu u fil-korp tar-rikors fisser**

[4] Qed jigi hawn riprodott il-provvediment li nghata fil-konfront tar-rikors maghmul minn Edmond Espedito Mugliett li ghal dik li hija motivazzjoni u konkluzjoni huwa identiku ghall-provvediment moghti fir-rigward tar-rikors ta' Maria Teresa sive Marthes Mugliett.

**ir-ragunijiet (li fil-fehma tal-intimat huma) validi skond il-ligi sabiex il-Qorti tordna revoka.**

**"Skond Art.281(1) tal-Kap.12, it-talba ghar-revoka trid issir *dik il-Qorti li tkun harget dak l-att.*  U jaghmel hafna sens li ghandu jkun proprju hekk.**

**"In partikolari fil-kaz tal-mandat *in procinctu* skond Art.388E tal-Kap.12 l-iskop tal-att huwa sabiex l-ordnijiet moghtija f'sentenza jigu ezegwiti jekk ma jkun jezisti ebda mezz iehor ta' esekuzzjoni.  Fir-rikors fejn jintalab il-hrug tal-mandat, il-kreditur irid jindika bic-car ir-raguni ghala jehtieg l-ordnijiet li qed jindika. Il-Qorti trid tkun sodisfatta li ma hemm ebda mezz iehor ta' esekuzzjoni u jekk tkun hekk sodisfatta, taghti dawk l-ordnijiet sabiex is-sentenza tigi ezegwita.  Kif jirrizulta mill-atti tal-mandat li jinsabu allegati mal-atti ta' din il-procedura, dan kollu sar mill-Qorti li ddecidiet favur il-hrug tal-mandat *de quo.* Allura jaghmel hafna sens li ghandha tkun dik il-Qorti li tiddeciedi hemmx raguni valida skond il-ligi ghal revoka *o meno* tal-istess att skond Art.281(1) tal-Kap.12.**

**"Jirrizulta li ma kenitx din il-Qorti kif presjeduta li harget il-mandat *de quo* u ghalhekk skond Art.281(1) tal-Kap.12 ma tistax tiddeciedi t-talba tal-intimat skond kif jipprovdi is-subinciz (3) tal-istess Art.281 tal-Kap.12.  Din il-Qorti tghid li din hija pregudizzjali li ghalkemm ma gietx sollevata mir-rikorrenti fir-risposta taghhom hija sollevabbli "*ex officio*" u hekk qed taghmel proprju din il-Qorti.**

**"Ghalhekk mhix se tidhol la fil-mertu tat-talba tar-revoka tal-att lanqas fil-mertu tar-risposta ghall-istess."**

**9.** Kemm Edmond Espedito Mugliett kif ukoll martu Maria Teresa sive Marthes Mugliett appellaw minn din id-decizjoni, u dan permezz ta' zewg rikorsi kif indikat fil-paragrafu **1**, *supra*, ta' din is-sentenza. Kif inghad, dawn iz-zewg appelli huma, fis-sustanza identici. L-appellanti

jilmentaw li l-ewwel Qorti ma setghetx u ma kienitx korretta meta astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba taghhom ghar-revoka tad-digriet tat-3 ta' April 2009, cioe` in effetti ghar-revoka tal-mandat *in procinctu*. Huma jikkontendu li l-Prim Awla tal-Qorti Civili kienet l-istess Qorti li harget dak il-mandat, u l-fatt li kienet presjeduta minn gudikant (Imhallef) differenti ma jfissirx li ma kienitx "dik il qorti li...harget dak l-att" ghall-finijiet tal-Artikolu 281(1) tal-Kap. 12. Huma ghalhekk talbu li din il-Qorti thassar u tirrevoka l-imsemmija decizjoni (proprjament, kif rajna, decizjonijiet) tal-14 ta' Mejju 2009 u li minflok din il-Qorti – il-Qorti ta' l-Appell – tghaddi biex tilqa' t-talba rispettiva taghhom (kif allura proposta fir-rikorsi tal-14/4/09 u 16/4/09) u ghalhekk tirrevoka l-mandat *in procinctu* mahrug mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' April 2009, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati.

**10.** L-appellati John Patrick Hayman et ipprezentaw zewg risposti identici, wahda fil-25 ta' Mejju 2009 (fl-atti 372/09) u l-ohra fis-27 ta' Mejju 2009 (fl-atti 379/09). Huma talbu li l-appell jigi michud, bl-ispejjez kontra l-appellanti. L-appellati jikkontendu li l-appelli ghandhom biss "valur akkademiku". Jghidu li dak li l-appellanti messhom ghamlu kien li jitolbu lill-Prim Awla sabiex tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-rikorsi u tordna li dawn imorru quddiem dik l-istess qorti izda presjeduta mill-Imhallef li kien hareg il-mandat fit-3 ta' April 2009.

**11.** Pregudizzjali – eccezzjoni ta' rikuza ta' l-imhallfin komponenti din il-Qorti minhabba li kienu huma li taw is-sentenza tas-27 ta' Gunju 2008 li kkonfermat is-sentenza precedenti tal-Prim Awla tat-2 ta' Gunju 2006 – sollevata miz-zewg appellanti u li giet trattata fl-udjenza tas-17 ta' Gunju 2009, giet respinta b'digriet moghti f'dik l-istess gurnata, cioe` 17 ta' Gunju 2009.

**12.** Fis-17 ta' Gunju 2009 id-difensuri tal-partijiet – l-Avukat Dott. Paul Pullicino ghal Edmond Espedito Mugliett, l-Avukat Dott. Claudio Zammit ghal Maria Teresa Mugliett, u l-Avukat Dott. Robert Abela ghall-appellati John Patrick Hayman et – ittrattaw l-appell fil-meritu, u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-lum.

**13.** Bid-dovut rigward lejn l-ewwel Qorti, din il-Qorti ma tistax taqbel ma' dik il-Qorti fejn inghad li l-espressjoni "dik il-qorti li tkun harget dak l-att" tfisser dik il-qorti "kif presjeduta". Qorti tibqa' l-istess qorti irrispettivament mill-gudikant jew gudikanti sedenti – hlief, s'intendi, meta tqum kwistjoni ta' rikuza jew astensjoni ghax tali kwistjoni tolqot proprju lill-gudikant u mhux lill-qorti li tibqa' l-istess wahda. Meta l-konjugi Mugliett ippresentaw ir-rikorsi ghar-revoka huma adixxew il-qorti korretta li kienet harget il-mandat, u cioe` lill-Prim Awla tal-Qorti Civili. Il-fatt li dawk ir-rikorsi marru quddiem gudikant differenti minn dak li originarjament hareg il-mandat *in procinctu* hija purament kwistjoni amministrattiva ta' tqassim ta' xoghol. Jista' jkun hemm sens f'li rikors simili jinghata lill-istess gudikant li jkun hareg il-mandat – daqs kemm jista' jkun hemm sens ukoll f'li tali rikors imur quddiem gudikant iehor biex "jirrevedi" dak li jkun sar meta jkun inhareg il-mandat; pero` l-fatt li ma jisrx hekk, cioe` li rikors ghar-revoka jmur quddiem l-istess gudikant li jkun hareg il-mandat, ma jintitolax lill-Qorti li "tastjeni" milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghar-revoka. Bizzejjed wiehed jikkontempla l-possibilita` li wara li jkun inhareg il-mandat, il-gudikant, li allura sa dak iz-zmien kien sedenti fil-Prim Awla, jigi assenjat biex joqghod f'qorti ohra li ma tkunx il-Prim Awla (ez. fil-Qorti Kriminali). Dan ikun ifisser, allura, li r-rikors taht l-Art. 281 tal-Kap. 12 ma jkunx jista' jsir jew ma jkunx jista' jinstema'? U fi kwalunkwe kaz anke li kieku kien hemm – li ma hemmx – dubju dwar it-tifsira tal-espressjoni "dik il-qorti li tkun harget dak l-att", ir-rimedju certament ma kienx li dik il-Qorti semplicement tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba izda li, entro z-zminijiet indikati fis-subartikolu (3) tal-imsemmi Artikolu, il-kwistjoni tingieb a kjonjizzjoni tal-Prim Imhallef fit-termini tas-subartikolu (9) tal-Artikolu 11 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

**14.** Ghalhekk ir-rikorsi ta' l-appell, in kwantu qed jitolbu r-revoka tad-decizjoni tal-14 ta' Mejju 2009 fejn il-Prim Awla "astjeniet" milli tiehu konjizzjoni tat-talba ta' Edmond Espedito Mugliett u ta' Maria Teresa sive Marthes Mugliett, jimmeritaw li jigu akkolti. Konsegwentement din

il-Qorti qed tirrevoka l-imsemmija decizjoni fis-zewg proceduri, u ser tghaddi biex tiddeciedi l-vertenza fil-meritu dwar il-mandat *in procinctu* mahrug fit-3 ta’ April 2009 u dana abbazi tar-rikorsi ghar-revoka tal-14 u 16 ta’ April 2009.

**15.** Ghalkemm l-Artikolu 388E gie mizjud fil-Kap. 12 bl-Att XIV tal-2006, kien biss fil-bidu ta’ din is-sena li din id-disposizzjoni giet fis-sehh (ara l-A.L. 342/2008). Il-kliem ossia l-espressjoni “in procinctu” tat lok ghal mhux ftit kurzita` fost il-membri tal-professjoni legali. Litteralment l-espressjoni bil-Latin “in procinctu” jidher li tfisser “with loins girded”[5] – mill-kliem *pro*, quddiem, u *cinctus* li huwa l-participju passat tal-verb *cingere*, torbot jew iddawwar – u tirreferi ghall-prassi tar-Rumani li qabel ma jingaggjaw fil-battalja jorbtu sew it-toga jew ilbies iehor li talvolta kienu jkunu lebsin sabiex ma jkollomx xkiel waqt it-taqtigha. Din l-espressjoni giet eventwalment tfisser “preparat ghall-battalja”[6], u tat lok ukoll ghall-espressjoni Taljana “in procinto” li tfisser li wiehed ikun preparat, lest biex jaghmel xi haga (ez. “in procinto di partire”)[7]. Fid-Dritt Ruman antik kien hemm dak li jissejjah *testamentum in procinctu* li kien isir minn dawk li kienu jkunu ltaqghu ghal xi battalja[8]. Dan kollu, pero`, ftit li xejn jitfa’ dawl fuq il-mandat li dwaru jitkellem l-Artikolu 388E tal-Kap. 12. Dak li hu zgur hu li b’dan il-mandat gdid il-legislatur ried li jkun hemm mezz, pjuttost straordinarju, li bih persuna li tkun rebhet il-kawza u li allura tkun kreditrici ta’ obbligazzjoni tkun tista’, fin-nuqqas li tikseb sodisfazzjon b’mezz ta’

---

[5] Ara: Stone, Jon R. **Latin for the Illiterati** Routledge (New York and London), 1996, p. 46.

[6] **Collins Latin Gem Dictionary** (London and Glasgow), 1957, *v* procinctus; **The Penguin Latin Dictionary** (London), 2007, *v* procinctus.

[7] Zingarelli, N. **Vocabolario della Lingua Italiana** Bietti & Reggiani Editori (Milano), 1930, *v* procidenza.

[8] Jolowicz, H. F. u Nicholas, B. **Historical Introduction to the Study of Roman Law** Cambridge University Press, 1972, p. 127; Buckland, W. W. **A Text-Book of Roman Law from Augustus to Justinian** Cambridge University Press, 1975, p. 283 *et seq.* fejn jinghad hekk: “*Testamentum in procinctu*: A will made before his comrades by a soldier, when a campaign was under way and no sitting of the *comitia* was imminent. Whether this was an assembly, the *centuriata*, analogous to the *comitia (curiata) calata*, as is suggested by the language of Aulus Gellius, or was a mere declaration before his immediate comrades is uncertain, the former being more probable, as auspices were necessary. It seems to have lasted into the seventh century, but Cicero describes it as obsolete, though having coexisted with the mancipatory will.”

ezekuzzjoni iehor, tassigura l-ezekuzzjoni ta' dik is-sentenza billi titlob lill-Qorti sabiex jinghataw dawk l-ordnijiet lir-Registratur li dik il-Qorti tqis neccessarji ghall-fini ta' tali ezekuzzjoni. Fil-fatt gie li jigri li ordni li tkun inghatat fil-konfront tal-parti sokkombenti ma tigix imwettqa minn dik il-parti, bir-rizultat li l-kreditur tal-obbligazzjoni jibqa b'sentenza favurih pero` bla rimedju effettiv – kif spiss jigi lmentat f'kazijiet simili, il-kreditur tal-obbligazzjoni jkun jista' biss ipoggi s-sentenza fi gwarnic! Kif inhu risaput, il-procedura ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-qorti skond l-Artikoli 1003A u 997 tal-Kap. 12 tista' twassal ghal forma ta' "kastig" fil-konfront ta' min ikun naqas li jottempera ruhu ma' ordni ta' qorti[9], izda tali procedura ma twassalx *per se* ghall-ezekuzzjoni ta' dak l-ordni jew sentenza – apparti d-dewmien neccesarjament marbut mal-mod bizantin kif dawn il-proceduri jridu jitmexxew skond il-ligi vigenti. Huwa naturalment inaccettabbli li jkun hemm sentenza li pero` ma tkunx tista' tigi effettivament ezegwita minhabba l-maniggi tad-debitur tal-obbligazzjoni u n-nuqqas ta' mezz effikaci ta' ezekuzzjoni. Kien proprju biex jaghmel tajjeb ghal dan in-nuqqas li l-legislatur haseb ghall-mandat *in procinctu* – u forsi jekk wiehed jara dan il-mandat, kif neccessarjament irid wiehed jarah, minn din l-ottika, cioe` bhala rimedju straordinarju, l-espressjoni *in procinctu* mhix ghal kollox barra minn lokha.

**16.** Id-disposizzjoni in dizamina – l-Artikolu 388E – tipprovdi hekk:

**"(1) Bla hsara ghal disposizzjonijiet ohra li jinsabu fit-Titolu VII ta' dan il-Kodici [10], il-qorti tista' fuq talba tal-parti, tohrog dawk l-ordnijiet lir-Registratur li hija tqis**

[9] Ara a propositu s-setenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-17 ta' Gunju 2009 fl-ismijiet **Id-Direttur, Qrati Civili u Tribunali v. John Busuttil**.

[10] Ir-referenza ghat-Titolu VII "ta' dan il-Kodici" mhix cara, ghax fil-Kap. 12 hemm diversi Titoli li jgibu n-numru "VII", u dan skond il-Ktieb u t-Taqsima tal-Ktieb. Fi kwalunkwe kaz, dak li jinghad fl-Artikolu 388E hu "bla hsara" ghal dak kontenut f'dak it-Titolu, hu liema hu. Din il-Qorti tosserva wkoll li wara Sub-titolu IX – li dahhal proprju il-mandat *in procinctu* – is-Sub-titoli li ghadu jidher minnufih warajh (dwar ir-rendikont u l-likwidazzjoni ta' frottijiet) igib in-numru "VII". Dan jidher li huwa r-rizultat ta' zbalji ta' redazzjoni fl-abbozzi li eventwalment gew approvati mill-Parlament.

**necessarji sabiex jigu ezegwiti l-ordnijiet li hemm fis-sentenza:**

**"Izda dan il-mandat m'ghandux jinhareg hlief wara rikors**
**mill-kreditur ghal dan il-ghan u wara li l-qorti tkun sodisfatta li l-kreditur ma ghandu ebda mezz ta' ezekuzzjoni iehor.**

**"(2) Ir-rikors ghandu jkun fih b'mod car ir-raguni ghaliex hemm bzonn ta' dawn l-ordnijiet u ghandu jigi dekretat dwar dan wara li jigi notifikat lid-debitur, li jkollu erbat ijiem zmien sabiex iwiegeb."**

**17.** Jigi osservat fl-ewwel lok li l-legislatur ma llimitax it-tip jew in-natura ta' l-ordnijiet li l-Qorti tista' talvolta taghti lir-Registratur. Sakemm l-ordni jkun legali skond il-principji generali tad-dritt u sakemm il-Qorti tkun tal-fehma li tali ordni huwa neccessarju sabiex is-sentenza tigi ezegwita, dak l-ordni jista' jinghata lir-Registratur. Il-*proviso* tas-subartikolu wiehed, izda, jargina xi ftit is-setgha tal-Qorti. Il-Qorti ma tistax tipprocedi *ex officio* izda biss fuq talba tal-kreditur tal-obbligazzjoni; u l-Qorti trid ukoll tkun sodisfatta li tali kreditur "ma ghandu ebda mezz ta' ezekuzzjoni iehor". Din l-ahhar espressjoni – "ma ghandu ebda mezz ta' ezekuzzjoni iehor" – tpoggi, kif tajjeb osserva l-abbili difensur tal-appellati, il-mandat *in procinctu* fuq l-istess livell tal-mandat *in factum*. Dwar dan ta' l-ahhar, in fatti, is-subartikolu (4) tal-Artikolu 385 jipprovdi hekk: "Il-qorti ghandha biss tohrog il-mandat jekk tkun sodisfatta li l-kreditur ma ghandux mezz iehor ta' ezekuzzjoni". Kemm il-mandat *in factum* kif ukoll il-mandat *in procinctu* m'ghandhomx jinhargu leggerment, u l-Qorti ghandha dejjem tkun kawta biex tali mandati ma jinhargux meta effettivament hemm xi mezz iehor ta' ezekuzzjoni, jigifieri xi mandat iehor, li jkun jista' jaghti ezekuzzjoni effettiva ghas-sentenza jew ordni taghha jew, bhal f'dan il-kaz, tal-Qorti ta' l-Appell. Kif tajjeb josservaw l-appellanti, il-mandat *in procinctu* m'ghandux iservi biex jigu sorvolati jew raggirati mandati ohra li jkunu jaghtu mezz effettiv ta' ezekuzzjoni.

**18.** Din il-Qorti, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, ezaminat bir-reqqa l-argumenti kollha taz-zewg appellanti migjuba kemm fir-rikorsi taghhom[11] ghar-revoka tal-mandat tat-3 ta' April 2009 kif ukoll dawk migjuba fl-udjenza tas-17 ta' Gunju 2009, u hi tal-fehma li m'ghandhiex takkolji t-talba ghar-revoka ta' tali mandat. Kif jirrizulta mis-sentenza li ghaddiet in gudikat fis-27 ta' Gunju 2008 u li l-meritu taghha ma jistax issa b'xi mod jigi kkontestat, dak li l-parti sokkombenti kienet giet ordnata li taghmel kien li terga' tqieghed lura f'kont bankarju ammont ta' flus li kien ingibed immedjatament wara l-mewt tan-Nutar John Patrick Hayman. Dan ma sarx. Il-kredituri tal-obbligazzjoni f'dan il-kaz ma setghux jipprocedu permezz ta' mandat ta' qbid jew mandat ta' sekwestru ghax huma ma kienux gew kanonizzati kredituri f'somma ta' flus – huma kienu talbu biss li l-flus jergghu jitqieghdu lura fl-imsemmi kont ghalbiex wara jigi deciz min ghandu jedd ghal dawk il-flus jew parti minnhom. Anqas ma tara din il-Qorti li mandat *in factum* jista' jaghti ezekuzzjoni effettiva ghal dak li gie ordnat bis-sentenza msemmija. Il-mandat *in factum* iwassal biss ghalbiex issir pressjoni fuq id-debitur tal-obbligazzjoni halli dan iwettaq il-fatt ordnat bis-sentenza izda ma jwassalx direttament ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza – apparti l-fatt li min jitlob il-hrug ta' dan il-mandat irid jiehu hsieb l-ispejjez tal-manteniment skond l-Artikolu 387 tal-imsemmi Kap. 12.

**19.** Anqas jista' jigi objettat li permezz tal-mandat mahrug fit-3 ta' April 2009 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, dik li hi essenzjalment "obbligazione di fare" qed tigi mibdula f'"obbligazione di pagare". F'dan il-kaz id-debitur tal-obbligazzjoni kellu jaghmel xi haga; huwa ma ghamilhiex; u l-Prim Awla tat ordni lir-Registratur biex dana (cioe` r-Registratur) ikun eventwalment jista' jaghmel dak li l-imsemmi debitur ma ghamilx. Dan kollu jinkwadra perfettament fl-iskop tal-mandat *in procinctu* u fil-parametri tal-Artikolu 388E.

**20.** Ghall-motivi premessi din il-Qorti, prevja r-revoka, kif inghad, tas-sentenzi tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-14

[11] Tal-14 ta' April 2009 u 16 ta' April 2009.

ta’ Mejju 2009, tiddisponi mir-rikorsi tal-14 ta’ April 2009 (dak ta’ Edmond Espedito Mugliett) u tas-16 ta’ April 2009 (dak ta’ Maria Teresa sive Marthes Mugliett) billi tichad it-talba kontenuta fihom ghar-revoka tad-digriet tat-3 ta’ April 2009 u minflok tikkonferma dak id-digriet li jghid hekk: *“Tilqa’ t-talba fis-sens li tordna l-bejgh in subbasta tal-fond ‘The Rose Cottage’, Karm Galea Street, Birkirkara, u tordna li l-ewwel Lm40,500 mir-rikavat tal-bejgh, flimkien mal-imghax li jinghata fuq kontijiet savings mill-24 ta’ April, 2001 sal-istess data tal-bejgh jigi depozitat mir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali fil-kont numru 115-0858402-0 mal-Bank of Valletta p.l.c., jew jekk l-istess inghalaq, f’kont iehor f’isem l-intimat u r-rikorrenti, b’dan li l-istess somma hekk depozitata tkun tista’ tigi rtirata biss bil-kunsens taz-zewg partijiet jew b’ordni tal-Qorti, b’dan li l-bqija tas-somma tal-bejgh tigi moghtija lill-intimat. Salv dak hawn premess l-intimat hu projbit milli jbiegh jew jitrasferixxi taht kwalunkwe titolu l-istess immobbli lil terzi jew jaggrava l-istess bi kwalunkwe piz u tordna li din l-ordni tigi notifikata kif indikat fit-tielet paragrafu tan-nota tar-rikorrenti lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, u lid-Direttur tal-Artijiet, u dan id-digriet ghandu jigi notifikat mir-rikorrenti lir-Registratur tal-Qorti.”* A skans ta’ ekwivoci qed jigi precizat li hija l-Prim Awla tal-Qorti Civili li hija kompetenti li taghti, jekk ikun il-kaz, ordnijiet ulterjuri ghall-fnijiet tal-mandat in dizamina. Spejjez, inkluzi dawk in prim istanza, a karigu tal-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------